**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' April 2017 – Klausner Holz Niedersachsen vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża T-101/16)** ([1])

***("Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Għajnuna mill-Istat — Provvista ta' injam — Eżami preliminari ta' allegata għajnuna mill-Istat mogħtija mill-awtoritajiet Ġermaniżi fil-forma ta' kuntratti ta' provvista ta' injam — Assenza ta' teħid ta' pożizzjoni tal-Kummissjoni f'terminu raġonevoli — Inammissibbiltà manifesta")***

(2017/C 178/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Klausner Holz Niedersachsen GmbH (Saalburg-Ebersdorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Reich, C. Hipp u T. Ilgner, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn u T. Maxian Rusche, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 265 TFUE u intiża sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni naqset illegalment milli tieħu deċiżjoni, f'terminu raġonevoli, fil-kuntest tal-eżami preliminari ta' allegata għajnuna mill-Istat mogħtija mill-awtoritajiet Ġermaniżi lir-rikorrenti fil-forma ta' kuntratti ta' provvista ta' injam.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

2) *Klausner Holz Niedersachsen GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 145, 25.4.2016.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Marzu 2017 – Kohrener Landmolkerei u DHG vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-199/16)** ([1])

***["Rikors għal annullament — Sistema ta' speċjalitajiet tradizzjonali ggarantiti — Regolament (UE) Nru 1151/2012 — Regolament ta' implementazzjoni (UE) 2016/304 — Terminu għat-trażmissjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-att ta' oppożizzjoni lill-Kummissjoni — Rikors manifestament infondat fid-dritt"]***

(2017/C 178/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Kohrener Landmolkerei GmbH (Penig, il-Ġermanja) u DHG Deutsche Heumilchgesellschaft mbH (Frohburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Wagner, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn D. Triantafyllou, J. Guillem Carrau u J. Herkommer, sussegwentement minn D. Triantafyllou u J. Herkommer, aġenti)

**Suġġett**

Talba skont l-Artikolu 263 TFUE u intiż għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/304, tat-2 ta' Marzu 2016 li jdaħħal fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti ["Heumilch"/"Haymilk"/"Latte fieno"/"Lait de foin"/"Leche de heno" (STG)] (ĠU L 58, p. 28).